PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2007/0071(CNS)

13.9.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ir-riammissjoni
(COM(2007)0197 – C6- 0188/2007– 2007/0071(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Inese Vaidere

PA_Legapp

GUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jilqa' b'sodisfazzjon il-konklużjoni tal-Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar riammissjoni, li huwa pass 'il quddiem lejn it-twettiq tal-prijoritajiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, adottata b'mod konġunt mill-Ukraina u l-Unjoni Ewropea fil-21 ta' Frar 2005.

Il-Ftehima se tippermetti liż-żewġ imsieħba sabiex isaħħu l-koperazzjoni tagħhom fl-immaniġġjar tal-migrazzjoni u fil-ġlieda tagħhom kontra l-immigrazzjoni illegali, liema ftehima toħloq regoli li jorbtu legalment f'numru ta' oqsma li jeħtieġu sforzi serji kemm mill-Ukraina u kemm mill-UE.

Fid-dawl tal-firxa wiesgħa ta' implikazzjonijiet dwar il-kapaċitajiet ta' l-immaniġġjar ta' l-Ukraina tal-migrazzjoni u tal-fruntieri, li għadhom mhumiex mgħammra b'mod sħiħ sabiex jissodisfaw l-impenji li ttieħdu, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin iħeġġeġ lill-awtoritajiet ta' l-Ukraina sabiex iwettqu l-azzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' l-obbligi rilevanti matul il-perjodu tranżizzjonali ta' sentejn previst għad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet dwar ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni li ma għandhomx stat. Għandha ssir enfasi fuq it-titjib tal-kontrolli fuq il-fruntiera, fuq l-immaniġġjar tal-migrazzjoni kif ukoll fuq il-konformità mad-drittijiet u l-obbligi internazzjonali relatati mad-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni ta' dawk li qed ifittxuażil jew tar-refuġjati. Ikun verament apprezzat jekk l-awtoritajiet ta' l-Ukraina jikkunsidraw il-possibilità li jitnaqqas il-perjodu tranżizzjonali.

Il-Kummissjoni hija mħeġġa sabiex tappoġġja l-isforzi ta' l-awtoritajiet ta' l-Ukraina sabiex itejbu l-kapaċitajiet ta' l-immaniġġjar tal-migrazzjoni bil-mezzi u l-miżuri kollha possibbli.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-UE u lill-Istati Membri sabiex iressqu kull assistenza esperta u teknika possibbli sabiex jiżguraw li l-Ukraina tissodisfa l-obbligi ta' din il-Ftehima. Il-Kummissjoni hija mistiedna wkoll sabiex tagħti l-opinjoni esperta tagħha b'konnessjoni man-negozjati ta' l-Ukraina dwar Ftehimiet ta' riammissjoni ma' pajjiżi terzi.

Billi minħabba li kemm il-Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ir-riammissjoni u kemm il-Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar l-iffaċilitar ta' ħruġ ta' visas għal perjodu qasir kienu nnegozjati f'pakkett wieħed, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jirrakkomanda bi sħiħ li l-Ukraina testendi r-rekwiżiti tad-dħul indaqs għall-Istati Membri kollha ta' l-UE, inklużi l-Bulgarija u r-Rumanija, qabel jiġi konkluż il-proċess tar-ratifikazzjoni.

Fl-aħħarnett, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin japprezza jekk il-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehima.

******

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jipproponi l-approvazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

PROĊEDURA

Titolu	Ftehima bejn il-KE u l-Ukraina dwar ir-riammissjoni
Referenzi	(COM(2007)0197 – C6-0188/2007 – 2007/0071(CNS))
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni ta' Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 21.6.2007
Rapporteur għal opinjoni: Data tal-ħatra	Inese Vaidere 5.6.2007
Eżami fil-kumitat	12.9.2007
Data ta' l-adozzjoni	12.9.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 –: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Christopher Beazley, Monika Beňová, Cristian Silviu Buşoi, Véronique De Keyser, Alfred Gomolka, Klaus Hänsch, Anna Ibrisagic, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Helmut Kuhne, Vytautas Landsbergis, Francisco José Millán Mon, Raimon Obiols i Germà, Vural Öger, Justas Vincas Paleckis, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, João de Deus Pinheiro, Hubert Pirker, Samuli Pohjamo, Michel Rocard, Libor Rouček, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jacek Saryusz-Wolski, György Schöpflin, István Szent-Iványi, Antonio Tajani, Charles Tannock, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Josef Zieleniec
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Milan Horáček, Gisela Kallenbach, Tunne Kelam, Jaromír Kohlíček, Doris Pack, Aloyzas Sakalas, Adrian Severin, Csaba Sándor Tabajdi
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali	
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	le